MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 211/2012

Kawza fil-lista: 37

**A B**
**vs**
**C B nee F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-18 ta’ Settembru 2012 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Lulju 2009;

Illi l-kunsens tal-partijiet huwa ivvizjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg,

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-haija mizzewga;

Illi l-partijiet ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens taz-zwieg;

Tghid ghalhekk l-intimata il-ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet li sehh fl-24 ta' Lulju 2009 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti tal-attur.

Rat li l-konvenuta ma pprezentatx risposta guramentat.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

L-attur xhed illi huwa beda johrog mal-konvenuta meta kien ghad ghandhom sittax-il sena u kienu iltaqghu fuq il-post tax-xoghol fejn kienu jadhmu t-tnejn li huma. Ghalkemm damu jinnamraw circa ghaxar snin qabel izzewgu, kienu snin ta' glied kontinwu.

L-attur jistqarr illi huwa ma riedx li jkollhom tfal. izda lill-konvenuta ma qaliliex qabel izzewgu. L-attur kien jemmen li t-tfal kienu jikkumplikawlhom hajjithom u li ma kellhomx hin ghalihom minhabba l-hinijiet twal ta' xoghol li sew l-attur kif ukoll il-konvenuta kienu jahdmu. Lill-konvenuta qalilha biss wara z-zwieg li ma ridx tfal. Il-hajja matrimonjali sfaxxat fi zmien sena u nofs miz-zwieg.

Fix-xhieda taghha l-konvenuta ikkonfermat li l-attur ma kienx qalilha qabel iz-zwieg li ma ridx tfal. Kien biss wara li qalilha. Hija tispjega li meta wara li zzewgu qalilha bil-hsieb tieghu li ma riedx tfal kienet haditha bi kbira hafna. Tghid hekk dwar dan:

"Meta qalli li ahjar ma jkollniex tfal minhabba l-hajja li qed nghixu hassejtha hafna u hadtha bi kbira ghax pretendejt li bhala mizzewgin inkunu rridu tfal u nirrangaw il-prijoritajiet ta' hajjitna biex ikollna familja".

"Meta konna gharajjes kien jghidli mmorru nghixu flimkien u kien isemmi t-tfal. Jien kont nemmen li tghix flimkien wara z-zwieg. Kien hemm ix-xogholijiet differenti veru imma mbaghad wara li zzewwigna nbidel xoghli, kont nahdem hinijiet naqra twal mal-gurnata pero' ma nahsibx li kien hemm raguni ghalfejn ma jkunx hemm tfal fil-familja ghax nahseb li kull koppja ghandha s-sagrificcji."

Il-konvenuta kienet ikkonfrontat lill-attur u pprotestat mieghu li ma kienx qalla qabel iz-zwieg li ma riedx tfal. Ghall-konvenuta id-decizzjoni unilaterali tal-konvenut li ma jkollhomx tfal kien qered il-hsieb taghha li jifformaw familja.

Ikkunsidrat;

Kien il-hsieb legittimu tal-konvenuta illi wara li jizzewgu l-partijiet ikollhom it-tfal. Ghall-konvenuta dan kien hsieb kondiviz mill-attur ukoll. Fil-fatt hi tghid illi kieku kienet taf minn qabel bl-intenzjoni tal-attur li ma riedx tfal ma kenitx tizzewgu.

Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk jirrizulta illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Il-prokreazzjoni hija aspettativa legittima ta' hafna minn dawk li jizzewgu. Ghalkemm l-infertilita' tar-ragel jew tal-

mara, a differenza tal-impotenza pre-nupzjali, ma hiex raguni wahedha biex zwieg jigi annullat, l-eskluzzjoni ta' konjugi li ma jkollux tfal meta jaf li martu trid it-tfal jivvizzja l-kunsens.

Appena huwa necessarju jigi sottolineat illi zwieg minghajr tfal b'rizultat ta' infertilita' ta' xi wahda mill-partijiet, jew tat-tnejn, huwa zwieg validissimu. Izda meta persuna minghajr ebda problema medika fir-rigward tal-prokreazzjoni tal-ulied, tiddeciedi li tahbi mill-persuna li ser tizzewweg il-hsieb taghha li ma jkolliex tfal u tkompli ghaddejja ghaz-zwieg, tali agir jammonta ghal agir frawdolenti fil-konfront tal-konjugi l-iehor liema agir frawdolenti jivvizzja l-kunsens u jirrendi z-zwieg null u bla effett fil-ligi.

Tenut kont li rrizulta li z-zwieg ser jigi dikjarat null b'rizultat ta' agir imputabbli esklussivament lill-attur, ikun gust li l-ispejjez tal-kawza ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-istess attur.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg civili ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' Lulju 2009 huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna sabiex issir l-annotazzjoni relativa fl-att taz-zwieg tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------